MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 2792/1998/1

Anthony u Josephine miżżewġin **BORĠ**

vs

Dottor Tonio **MALLIA** u P.L. Veronica Rossignaud li, b'degriet tal-25 ta' Jannar, 1999, ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti minn Fathi Snoussi u b'degriet tal-21 ta' Jannar, 2004, Dottor Vincent Galea ġie maħtur Kuratur sostitut minflok Dottor Tonio Mallia, li ġie elevat għall-Ġudikatura

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Diċembru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din l-Qorti (i) ssib li Fathi Snoussi kien jaħti għall-inċident li

seħħ f'Novembru tal-1998, waqt li hu kien qed isuq l-i*speedboat* tal-għamla *Chadron* reġistrata S11422, proprjeta' tagħhom u minn wara daharhom, u għereq biha hu u jbaħħar bejn Malta u Sqallija; (ii) tillikwida d-danni li huma ġarrbu minħabba l-imsemmi inċident; u (iii) tikkundanna lill-werriet(a) legali tal-imsemmi Fathi Snoussi jħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-Kuraturi Deputati fil-25 ta' Jannar, 2000, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li l-i*speedboat* kienet proprjeta' tal-atturi, u, minbarra li Fathi Snoussi ma kien bl-ebda mod jaħti għall-għarqa tal-istess *speedboat* u li magħha għereq huwa wkoll, ma kkawża l-ebda danni lill-atturi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-atturi;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2003, li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Frar, 2004, li bih reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ wara li l-atturi ħadu ħsieb jilleġittimaw l-atti tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni. L-atturi jgħidu li kienu xtraw *speedboat* u billi ma kellhomx fejn iqegħduha, żammielhom għal ftit żmien min begħielhom sakemm isibu post għaliha. Jgħidu li, waqt li d-dagħjsa kienet għand il-bejjiegħ, dan qabad u niżżilha l-baħar bla ma qalilhom, u hu u jbaħħar biha minn Malta għal Sqallija, xi xahar wara l-bejgħ, għereq bid-dgħajsa b'kollox. Iridu l-werriet tiegħu jħallashom id-danni tat-telf tal-i*speedboat*;

Illi l-Kuraturi Deputati maħtura biex jirrappreżentaw il-wirt tal-bejjiegħ, jiċħdu li l-atturi kienu s-sidien tal-i*speedboat* u kif ukoll li huma ġarrbu xi danni minħabba dak li ġara;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-30 ta' Ottubru, 1998, l-attur kiseb *speedboat* reġistrata S-11422 mingħand Fathi Snoussi[1] li, min-naħa tiegħu, kien kisibha mingħand wieħed Emanuel Ċiantar f'Ġunju tal-istess sena[2]. Snoussi kien żamm id-dgħajsa f'remissa li kellu f'Wied il-Għajn, fejn kien jgħix;

Illi fis-26 ta' Novembru, 1998, Snoussi u persuna oħra niżżlu l-i*speedboat* il-baħar u huma u sejrin biha minn Malta lejn Sqallija, kellhom inċident u kemm hu u kif ukoll il-persuna l-oħra waqgħu minn fuqha u għerqu. Id-dgħajsa kienet ġarrbet xi ħsarat;

Illi wara l-inċident, l-i*speedboat* kienet inġabret mill-forzi Taljani u ttieħdet taħt idejhom u nżammet minnhom[3]. Minħabba li min-numru tad-dgħajsa setgħet tinstab il-persuna li f'isimha kienet reġistrata, il-Pulizija bagħtu għall-attur fit-28 ta' Novembru, 1998, u hu ħalla stqarrija[4];

Illi f'Diċembru, 1998, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, l-istħarriġ li jeħtiġilha tagħmel il-Qorti hu dwar l-interess tal-atturi li jippretendu d-danni. Dan l-interess jitnissel mill-fatt li huma jgħidu li kienu sidien tal-i*speedboat* billi kienu xtrawha mingħand Snoussi ftit ġimgħat qabel. Minħabba li l-Kuraturi Deputati merew lill-atturi li huma kienu tassew sidien tad-dgħajsa, hu meħtieġ li l-Qorti tara wkoll jekk kemm-il darba huwiex minnu dan il-fatt allegat ukoll. Mill-bqija, jidher ċar li d-danni pretiżi mill-atturi jikkonsistu fir-rifużjoni tan-nefqa li kienu għamlu biex xtraw id-dgħajsa;

Illi f'dan il-każ, jidher li l-atturi qattgħu l-biċċa l-kbira taż-żmien jiffokaw fuq il-kwestjoni dwar jekk huma kenux

[1] Dokti "JF2" u "JF5", f'paġġ. 80 u 89 tal-proċess
[2] Dok "JF4", f'paġ. 88 tal-proċess
[3] Xhieda tal-Ispettur Neville Xuereb 23.6.2000, f'paġ. 30 tal-proċess
[4] Dok "ABA", f'paġġ. 58 – 9 tal-proċess

tassew is-sidien tal-i*speedboat*. Dan minħabba l-ewwel eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati, kif diġa' ngħad qabel. Mill-provi mressqa, ma għandu jifdal l-ebda dubju li, dak inhar li Snoussi u sieħbu qabdu d-dgħajsa u salpaw biha lil hinn minn Malta f'Novembru tal-1998, l-i*speedboat* kienet tgħajjat lill-attur. Hemm provi li ma jistgħux jitwaqqgħu malajr f'dan is-sens maħruġa minn għejjun uffiċjali wkoll. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati m'hijiex tajba u ma hix sejra tintlaqa';

Illi ma hemm l-ebda dubju li, x'ħin sar l-inċident ftit 'il barra mix-xtut ta' Sqallija, l-i*speedboat* kienet f'idejn Snoussi. Dan il-fatt huwa korroborat ukoll minn stqarrija mogħtija mis-sieħba tiegħu jumejn wara li seħħ l-inċident meta, msejħa mill-Pulizija, qalet li Snoussi kien ċemplilha biċ-ċellulari tiegħu għall-ħabta tal-ħdax ta' billejl tas-26 ta' Novembru, 1998, biex jgħarrafha li "il-lanċa nfaq(għ)et u qegħdin ne(għi)rqu"[5]

Illi, sewwsew minħabba l-fatt li l-atturi nħlew jiffokaw dwar il-kwestjoni fuq imsemmija ta' min kien sid id-dgħajsa dak inhar tal-inċident, naqsu li jressqu provi dwar il-kwestjoni tad-danni. F'ċirkostanza bħal din, wieħed jippreżumi li Snoussi kien ħa r-responsabbilta' tal-i*speedboat* f'idejh biex isir dak il-vjaġġ. Jidher ukoll, minn provi oħrajn, li kien Snoussi li ħareġ id-dgħajsa mir-remissa fejn kienet tqiegħdet sakemm l-atturi jsibu post għaliha u rmonkaha b'vettura mislufa lilu mill-attur innifsu biex iniżżilha l-baħar[6]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-fatti huma biżejjed biex juru li l-i*speedboat* kienet taħt il-kontroll ta' Snousi u tgħabba bir-responsabbilta' tagħha minkejja li ma kenitx aktar tiegħu. Iċ-ċirkostanzi tal-inċident baqgħu mhux magħrufa sewwa u huma mċajpra fis-suspetti li dak li nqala' kien marbut ma' episodju li l-Pulizija (kemm dawk Maltin u kif ukoll dawk Taljani) issuspettaw li kellu x'jaqsam ma' ġarr bil-moħbi ta' nies. F'kull każ, il-verżjoni tad-dinamika ta' kif wasal li l-i*speedboat* infaqgħet u bdiet tagħmel l-ilma, Snoussi ħadha miegħu meta għereq huwa wkoll u min kien riekeb miegħu;

---

[5] Dok "AB2", f'paġ. 61 tal-proċess
[6] Xhieda Spettur Neville Xuereb 11.10.2000, f'paġġ. 44 – 6 tal-proċess

Illi jekk kemm-il darba t-tieni eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati hi li kien hemm xi raġuni skużanti li tneħħi r-responsabbilta' għal dak li ġara minn fuq spallejn Snoussi, dan kien obbligu li huma jippruvawh[7]. Jekk, per eżempju, jallegaw il-forza maġġuri, il-piż tal-prova jaqa' fuqhom, ladarba ċirkostanza bħal din ma tistax tkun preżunta meta jseħħ inċident. Minbarra dan, huwa aċċettat li aċċident m'huwiex entita' astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entita' tiegħu, jiġifieri "*event bl-inċidenti inerenti miegħu inkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalita', iżda wkoll ta' responsabbilta', u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u pro tanto jkun responsabbli għalihom*"[8]. F'dan ir-rigward ukoll, tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[9]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*"[10]. Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[11]. Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[12]. Fil-każ ta' Snoussi, ħareġ ċar li, meta salpa bl-i*speedboat* barra mill-ibħra Maltin, ma għamel l-ebda tentativ li jgħarraf lil xi awtorita' portwali jew marittima b'dak li kien fi ħsiebu jagħmel[13];

[7] P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (konfermata fl-appell **27.2.2004**)
[8] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)
[9] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[10] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)
[11] Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509
[12] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)
[13] Xhieda ta' l-Isp. Neville Xuereb 11.10.2000, f'paġ. 42 tal-proċess

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tasal għall-fehma li ma ntweriex b'xi raġuni tajba għaliex Fathi Snoussi ma kellux jitqies ħati tal-inċident li seħħ meta l-*ispeedboat* għerqet u għalhekk issib li t-tieni eċċezzjoni tal-Kuraturi Deputati m'hijiex tajba u sejra twarrabha. Tasal għall-fehma wkoll li, b'riħet l-imsemmi inċident, inħalqet ir-rabta bejn dak il-fatt u l-ħsara li l-atturi setgħu ġarrbu fi ħwejjiġhom;

Illi, madankollu, kif ingħad qabel, l-atturi ma ressqu l-ebda provi dwar kemm kienet il-ħsara li batew minħabba l-imsemmi inċident. Il-liġi trid li min jallega fatt jippruvah kif imiss[14], u li dan jagħmlu billi jġib l-aħjar prova[15]. B'mod partikolari, jekk kemm-il darba l-parti attriċi tonqos li tipprova l-premessi tat-talbiet tagħha, l-azzjoni tagħha tfalli taħt ir-regola li *actore non probante reus absolvitur*[16]*.* Din ir-regola tqiegħed fuq il-parti li tallega xi fatt il-piż li turi tajjeb biżżejjed l-eżistenza ta' dak il-fatt[17];

Illi, fil-qasam tal-likwidazzjoni tad-danni, din ir-regola ssib it-tħaddim tagħha b'daqstant qawwa għaliex, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dak li tippretendi l-parti attriċi bħala kumpens tad-dannu mġarrab ikun ifisser li qed jittieħed mingħand il-parti mixlija bir-responsabbilta' tal-istess fatt jew mill-patrimonju tagħha. Huwa minnu li, fejn l-entita' tad-danni ma tkunx tista' ssir bi preċiżjoni, ma jfissirx b'daqshekk li l-azzjoni tad-danni tfalli, u dan għaliex huwa possibbli li l-likwidazzjoni ssir b'valutazzjoni ekwitattiva msejsa fuq l-elementi meħtieġa ta' provi mressqa[18]. Dan jingħad minħabba li l-liġi tagħti lil min jintalab jistħarreġ il-kwestjoni pretiża is-setgħa li jgħarbel minn fost il-provi mressqa dawk l-għejjun ta' fatt li minnhom jista' jislet il-fehma tiegħu u jinbi fuqha raġunament loġiku li wieħed jista' joqgħod fuqu[19]. Bi prova tajba, wieħed ma jifhimx biss u bilfors prova miktuba jew dokumentali, għaliex fatt

---

14 Art. 562 tal-Kap 12
15 Art. 599 tal-Kap 12
16 App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans Joachim Link vs Raymond Merċieca***
17 App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
18 App. Inf. PS **20.11.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana et***
19 App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***

jista' jkun pruvat b'kull mezz magħruf mid-dritt proċedurali bħala tajjeb biex isejjes fatt allegat[20];

Illi fil-każ tal-lum, kulma jgħidu l-atturi fir-rigward tad-danni mġarrba minnhom – u jerġa' jixhdu l-attur fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[21] – huwa li l-i*speedboat* kienu xtrawha mingħand Snoussi għal tmint elef u ħames mitt lira Maltin (Lm 8,500)[22] xi xahar qabel ma nqala' l-inċident. Qatt ma ntweriet xi riċevuta u lanqas xi dokument li jikkonferma jew ifisser il-kundizzjonijiet tat-trasferiment;

Illi mill-mod kif inhu mfassal l-Att taċ-Ċitazzjoni, jidher li l-pretensjoni tal-atturi dwar id-danni mġarrba minnhom tintrabat ma kemm kienu nefqu biex xtraw id-dgħajsa u mal-ebda ċirkostanza oħra. Issemma li d-dgħajsa mill-ewwel ittieħdet fir-remissa li Snoussi kellu f'Wied il-Għajn u li ftit setgħet tgħarrqet fil-ftit ġimgħat li nżammet għandu qabel ma baħħar biha fl-imsemmi inċident. Il-Kuraturi Deputati qatt ma nisslu xi kwestjoni dwar din ix-xhieda, minkejja ż-żmien abbundanti li ngħataw biex ifittxu u jsibu provi li setgħu waqqgħu dik il-prova;

Illi l-Qorti kienet tassew tkun aktar soddisfatta li kieku l-atturi wrewha xi forma ta' kitba li turi li Snoussi tassew irċieva s-somma miftehma. Din kienet torbot b'mod inkontrovertibbli lil Snoussi mal-pretensjoni attriċi. Madankollu, bit-tħaddim tal-prinċipji msemmija fil-konsiderazzjonijiet li saru, l-Qorti jidhrilha li tista' toqgħod fuq il-prova mressqa mill-atturi. Wara kollox, is-somma tal-prezz tax-xiri tal-i*speedboat* tissemma espressament fil-qalba tal-Att taċ-Ċitazzjoni u l-Kuraturi Deputati (ladarba, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ is-soltu, ressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet motivata) kellhom kull fakulta' li jxejnu dik ix-xhieda jew ixellfuha. Dan m'għamluhx u l-atturi ma għandhomx ikunu kastigati minħabba f'hekk;

Illi l-Qorti jidhrilha li ladarba l-atturi ċċaħħdu għal kollox mill-pussess tad-dgħajsa (din jidher li baqgħet miżmuma

---

[20] App. Inf. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Iris Dalmas vs Mons. Joseph Dalmas et***
[21] Xhieda tiegħu 12.4.2000, f'paġ. 20 tal-proċess
[22] Li jġibu € 19,799.67 fi flus tal-lum

jew konfiskata mill-awtoritajiet taljani) il-ħsara li ġarrbu titla' għall-valur li kellha dak inhar tal-inċident. Kif ingġad qabel, wieħed jifhem li dan il-valur huwa qak li ħallu għaliha l-atturi mqar xahar qabel ma seħħ l-inċident;

Illi, għalhekk, għall-finijijiet tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi, l-Qorti qiegħda tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' dsatax-il elf u tminn mitt ewro (€ 19,800);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati**;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li Fathi Snoussi kien jaħti għall-inċident li seħħ fil-lejl tas-26 ta' Novembru, 1998, meta kien qed isuq l-i*speedboat* S11422, reġistrata fuq isem l-attur, minn Malta għal Sqallija u din għerqet waqt il-vjaġġ imsemmi u li fih tilef ħajtu l-istess Fathi Snoussi, u li għalhekk il-wirt tal-imsemmi Snoussi jrid jagħmel tajjeb għad-danni mġarrba mill-atturi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' dsatax-il elf u tminn mitt ewro (€ 19,800);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-wirt ta' Fathi Snoussi jħallas lill-atturi s-somma msemmija ta' dsatax-il elf u tminn mitt ewro (€ 19,800), bħala danni likwidati minħabba l-imsemmi inċident, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-istess imsemmi wirt, b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati għandhom għalissa jitħallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------